**361. L-Onor. Mario de Marco, l-Onor. Kristy Debono u l-Onor Francis Zammit Dimech jipproponu:**

Peress illi huwa imminenti illi jinħatar Gvernatur ġdid għall-Bank Ċentrali ta' Malta.

Peress illi din hija ħatra ta' importanza kbira, il-persuna li tkun nominata għandha idealment tkun fl-ewwel stadju soġġetta għall-approvazzjoni ta' żewġ terżi tad-deputati kollha ta' din il-Kamra wara li jkun sar proċess ta' skrutinju minn Kumitat ta' din il-Kamra, u dan skont kif rakkommandat fid-dokument 'Nibnu Fiduċja Ġdida fil-Politika - Proposti għal Gvernar Tajjeb' maħruġ mill-Partit Nazzjonalista.

Peress illi f'kull każ, u dan huwa meħtieġ bħala l-minimu ta' sistema ta' Gvernar Tajjeb, il-persuna li tkun nominata għandha tkun soġġetta għal proċess ta' skrutinju minn Kumitat tal-Kamra għall-Iskrutinju ta' kandidati nominati għal ħatra ta' Uffiċjali Għolja fit-tmexxija ta' istituzzjonijiet pubbliċi nazzjonali, Ewropej u internazzjonali.

Peress illi dan il-Parlament iħoss li dan it-tip ta' skrutinju huwa meħtieġ aktar minn qatt qabel kif espress f'din il-Kamra tar-Rappreżentanti waqt dibattitu nhar it-Tlieta, 14 ta' Ġunju 2016 fejn kemm kien hemm persuni miż-żewġ naħat tal-Kamra li esprimew qbil fuq din il-ħtieġa.

Peress illi kif imwiegħed fil-Programmi Elettorali kemm tal-Partit Nazzjonalista u tal-Partit Laburista fl-Elezzjoni Ġenerali li għaddiet, persuni nominati għal tali karigi ta' importanza għandhom jiffaċċjaw l-iskrutinju ta' Kumitat tal-Kamra tar-Rappreżentanti.

Peress illi din il-kariga ġġib magħha l-ħatra tal-istess persuna bħala r-rappreżentant ta' Malta fil-Kunsill tal-Gvernaturi tal-Bank Ċentrali Ewropew.

Peress illi tali kariga, apparti mill-importanza tagħha fil-kuntest nazzjonali, mhux talli tesponi lil pajjiżna fuq livell Ewropew iżda fuq livell finanzjarju u monetarju dinji.

Peress illi l-persuna li tkun nominata għal din il-kariga għandha tkun soġġetta għal proċess ta' skrutinju parlamentari kif jixraq f'pajjiż demokratiku, serju u li jrid li jħares ir-reputazzjoni ta' pajjiżna bħala parti kruċjali mill-interess nazzjonali.

Peress illi biex isir skrutinju effettiv, dan il-Parlament iħoss illi l-mudell tal-Kumitat għandu jkun dak tal-Kumitat Permanenti tal-Kontijiet Pubbliċi u ċioé Kumitat b'format fejn il-Gvern jaħtar il-maġġoranza tal-membri u l-Oppożizzjoni jkollha minoranza tal-membri iżda ċ-Chairman li jmexxi l-istess Kumitat ikun magħżul minn fost il-membri tal-Oppożizzjoni.

Peress illi l-Ministru tal-Finanzi, il-Prof. Edward Scicluna esprima pubblikament illi għandu jkun hemm proċess ta' skrutinju parlamentari meta jkun se jsiru ħatriet ta' din in-natura.

Għalhekk din il-Kamra taqbel u tirrisolvi li taħtar Kumitat ta' Skrutinju bil-fakoltajiet kollha li jgawdi il-Kumitat Permanenti tal-Kontijiet Pubbliċi skont kif japplikaw għalih *mutatis mutandis,* inkluż il-fakoltà li jsejjaħ quddiemu dawk ix-xhieda li jkun hemm bżonn jinstemgħu kif ukoll li jirċievi kwalunkwe dokument jew prova oħra meħtieġa, sabiex immedjatament jibda proċess ta' skrutinju fuq il-persuna li tkun nominata mill-Gvern biex tokkupa l-kariga ta' Gvernatur tal-Bank Ċentrali ta' Malta, hekk kif il-Gvern jiddeċiedi fuq il-persuna li jirrakomanda li għandha tkun nominata, filwaqt illi fil-futur dan l-istess Kumitat jista' jingħata l-fakoltà li jagħmel l-iskrutinju ta' kandidati oħra nominati għal ħatra ta' Uffiċjali Għolja fit-tmexxija ta' istituzzjonijiet pubbliċi nazzjonali skont ma jkun hemm minn żmien għal żmien direzzjoni minn dan l-istess Parlament.

Għalhekk din il-Kamra taqbel ukoll illi dan l-istess Kumitat għandhu jirraporta lura lil din il-Kamra fuq kull proċess ta' skrutinju illi huwa jkun mexxa skont din ir-Riżoluzzjoni.

22.06.16